MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Numru. 901/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs.**

**Clayton Bondin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Clayton Bondin**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, bin Benjamin u Marisa neé Zammit, imwieled il-Pieta' fl-1 ta' Awwissu, 1985 u joqghod fil-fond imsejjah 'Louis', Flat Numru 1, Triq ta' Gidwet, Wied il-Ghajn u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 432285(M), akkuzat talli:

1. nhar is-17 t'April, 2011, ghal habta tas-7.00 ta' filghaxija, filwaqt li kien hdejn il-'Benbow Kiosk', li jinsab f'Misrah Santa Margerita', gewwa Bormla ikkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Azzopardi, liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew mankament jew sfregju f'wicc il-vittma, skond kif iccertifikat minn Dr.Bettina Gauci M.D. mill-iSptar Mater Dei u Dr. Alison Micallef, it-tabib tat-Taqsima tal-Emergenza tal-iSptar Mater Dei;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Christopher Azzopardi minn Haz-Zebbug, Malta, sabiex jingurjah, idejqu, jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

3. kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fit-23 ta' Marzu 2011.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 91) datata 10 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat

minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 17, 23, 30, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 110), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-10 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 91), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 117 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, xehed l-eks **Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 22 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu fir-rigward tal-glieda li allegatament sehhet f'Bormla fis-17 ta' April 2011. Ipprezenta numru ta' dokumenti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "JB 1" sa "JB 5" (*a fol.* 25 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 337 Mark Mercieca** (*a fol.* 32 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 35 *et seq.*). Jghid li mar fuq il-post fejn kien gie nfurmat li kien hemm glieda u sab lil Christopher Azzopardi (maghruf bhala Regis) fuq siggu jzomm mniehru. Jghid li ra wkoll lill-imputat. Jixhed li hadd minnhom ma kien qallu x'kien gara. Jispjega li l-ghada fil-ghodu Azzopardi mar l-Ghassa u qal li ried jaghmel rapport rigward dak li kien gara l-gurnata ta' qabel fejn qal li certu Bernard Bondin kien mar fuqu u tah xi daqqiet ta' ponn (lil Azzopardi) f'wiccu. Jghid ukoll li xi hin wara kien mar fuq il-post l-imputat, li jigi hu Bernard Bondin, u hu (Azzopardi) kien laqqat daqqa ta' ras go wiccu minn ghandu (minn ghand l-imputat). Jixhed ukoll fuq il-verzjonijiet li kienu tawh Bernard u Clayton Bondin.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Bernard Bondin** (*a fol.* 38 *et seq.*) li xorta ghazel li jixhed minkejja li l-imputat jigi huh. Jixhed li kien qieghed jiehu *drink* fejn sehhet il-glieda u li kien hemm il-kwerelant Azzopardi li beda jargumenta ma' persuna ohra u hu (Bernard Bondin) sikkithom u li Azzopardi qabdu minn ghonqu (lil Bernard Bondin), imbuttah u qabdu jaghtu bl-idejn u hu (Bernard Bondin) spicca waqa' mal-art u

kiser idejh. Jghid li cempel lil huh l-imputat biex imur ghalih u hekk kif l-imputat wasal, hu (Bernard Bondin) tela' fil-vettura u telqu. Jghid li l-imputat ma kellu l-ebda argument ma' Azzopardi.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012, xehdet **Dr. Bettina Gauci** (*a fol.* 44 *et seq.*) rigward l-ezami tal-*pre-operation* li ghamlet fit-28 ta' April 2011 fuq Azzopardi rigward il-ksur f'imniehru. Ezebiet dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "BG 1" (*a fol.* 46 *et seq.*). Tghid li bhala *injuries* ma tafx x'kellu ezatt Azzopardi peress li ma ezaminatux ghalhekk.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed **PC 229 Kenneth Camilleri** (*a fol.* 61 *et seq.*) fejn spjega li, flimkien ma' PS 337, mar fuq il-post fejn kienu nfurmati li kien hemm glieda. Jghid li meta waslu ma kien hemm l-ebda glieda. Jixhed li gew nfurmati li kien hemm xi argument zghir pero ma nghatawx informazzjoni.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012, xehed **Dr. Branko Magazinovic** (*a fol.* 80 *et seq.*) fejn ikkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu li gie mmarkat bhala Dok. "FS 1" (*a fol.* 16).

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Christopher Azzopardi** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn filwaqt li qal li xtaq li l-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat jieqfu, qal ukoll li jahfer lill-imputat ghal dak li ghamel. Ma xehedx rigward dak li allegatament gara dakinhar tas-17 ta' April 2011.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, xehdet **Dr. Alison Micallef** (*a fol.* 100 *et seq.*) u kkonfermat ic-certifikat mediku rilaxxat minnha li gie mmarkat bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 25). Tghid li Azzopardi kellu daqqa fuq imniehru u ma kienx hemm ksur issuspettat. Tghid li kklasifikat l-griehi ta' Azzopardi bhala hfief.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, xehdet ukoll **Dr. Daniela Mangion** (*a fol.* 102 *et seq.*) u ezebiet it-traduzzjoni li giet inkarigata biex taghmel, liema traduzzjoni giet ezebieta u mmarkata bhala Dok. "DM 1" (*a fol.* 104 *et seq.*).

Illi, fl-isqarrija (Dok. "JB 5" – *a fol.* 29 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat, l-imputat jghid li kienu huh Bernard Bondin u l-kwerelant Azzopardi li kellhom xi jghidu dakinhar tas-17 ta' April 2011. Jghid li hu ma kellux x'jaqsam. Jichad li xi hin hebb ghal Azzopardi u jichad ukoll li tah daqqa ta' ras fuq wiccu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet li jirrigwardaw allegata glieda li allegatament grat fis-17 ta' April 2011 f'Bormla.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-parti leza Christopher Azzopardi ghazel li ma jixhidx rigward dak li allegatament gara fis-17 ta' April 2011. Huwa

qal li xtaq li l-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat jieqfu, u qal ukoll li kien dispost jahfer lill-imputat ghal dak li ghamel. Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li huma d-depozizzjonijiet ta' Dr. Bettina Gauci (*a fol.* 44 *et seq.*), Dr. Branko Magazinovic (*a fol.* 80 *et seq.*), u Dr. Alison Micallef (*a fol.* 100 *et seq.*) li setghu jitfghu dawl fuq il-griehi allegatament sofferti minn Azzopardi:

- Dr. Bettina Gauci (*a fol.* 44 *et seq.*) tghid li bhala *injuries* ma tafx x'kellu ezatt Azzopardi peress li ma ezaminatux. Tispjega li hi ezaminatu biss rigward l-ezami tal-*pre-operation* li ghamlet fuq Azzopardi rigward il-ksur f'imniehru.

- Dr. Branko Magazinovic (*a fol.* 80 *et seq.*) xehed li ma setghax jghid jekk il-ferita li allegatament sofra Azzopardi kienitx ferita ta' natura gravi jew le, pero jghid li din kienet possibbli.

- Dr. Alison Micallef (*a fol.* 100 *et seq.*) ikklasifikat l-griehi ta' Azzopardi bhala hfief (Dok. "JB 1" – *a fol.* 25).

Tenut kont ta' dan kollu u tenut kont tal-fatt li Christopher Azzopardi baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax pruvat x'tip ta' griehi ezatt sofra Christopher Azzopardi. Ghaldaqstant, l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ghal darba ohra tinnota li l-parti leza ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghazel li jahfer. Id-difiza eccepiet l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghandha ragun id-difiza. Jirrizulta li l-allegata glieda sehhet fis-17 ta' April 2011, il-komparixxi fir-rigward tal-imputat giet prezentata fir-Registru tal-Qorti *"fil-5 ta' Awwissu 2010"* ((*a fol.* 1) – li huwa *lapsus calami*, peress illi s-sena kellha tkun dik ta' 2011), l-ewwel riferta pozittiva tal-imputat ezebita f'dawn il-proceduri tindika li l-imputat gie notifikat fl-10 ta' Novembru 2011 (*a fol.* 11), u l-ewwel darba li deher l-imputat f'dawn il-proceduri kien fis-6 ta' Frar 2012. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara t-tieni (2) imputazzjoni bhala preskritta u konsegwentement estinta.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-Qorti tinnota li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat taghmel riferenza ghal ordni ta' *probation* u li l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali jaghmlu riferenza ghal Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma ssir riferenza ghal Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja dan, is-sentenza ezebita u mmarkata bhala Dok. "FS 1" (*a fol.* 83 *et seq.*) tirrigwarda *conditional discharge*. Il-Qorti mhijiex ser tinhela aktar fil-konsiderazzjonijiet taghha rigward din l-imputazzjoni u dana *stante* li tenut kont tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tenut kont tal-fatt li t-tieni (2) imputazzjoni hija preskritta, isegwi li l-imputat ghandu jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk filwaqt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiddikjara t-tieni (2) imputazzjoni bhala preskritta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, tiddikjara t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat bhala wahda preskritta u konsegwentement estinta, ma ssibx lill-imputat Clayton Bondin hati, fuq nuqqas ta' provi, tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------